## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **119/2023**

## MALTA TOWAGE LIMITED

**VS**

## IL-BASTIMENT M.V. AMAZING GRACE 2

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 17 TA' Marzu 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għal dikjarazzjoni illi l-bastiment intimat M.V. Amazing Grace 2 huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' €74,534, u ordni sabiex jitħallas l-istess ammont dovut mill-bastiment intimat lis-soċjeta' rikorrenti, liema talba saret permezz ta' rikors tas-soċjeta' Malta Towage Limited preżentat fis-sitta (6) ta' Frar 2023 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentata nhar is-sitta (6) ta' Frar 2023, is-soċjeta' **Malta Towage Limited** ippremettiet:

a. Illi bejn Settembru tas-sena 2021 u Diċembru tas-sena 2022, is-soċjeta rikorrenti rrendiet diversi servizzi marittimi lill-bastiment konvenut MV Amazing Grace 2, fir-rigward ta' liema s-soċjeta' rikorrenti aġixxiet bħala aġent, hekk kif jidher b'aktar dettal mir-rendikont immarkat mar-rikors ġuramentat bħala **Dokument A** u mill-fatturi relattivi anness mar-rikors ġuramentat u mmarkati bħala **Dokumenti B sa II**;

b. Illi jirriżulta li l-bastiment konvenut ma ħallasx xi fatturi li ħarġet is-soċjeta rikorrenti, li jidhru mir-rendikont anness mar-rikors ġuramentat u mmarkat bħala **Dokument A**, ossia s-segwenti fatturi:

   i. Fattura numru 010921 datata 1 ta' Settembru 2021 għas-somma ta' elfejn mija tlieta u erbgħin Ewro **(€2,143)** dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument B**;
   ii. Fattura numru 0921 datata 30 ta' Settembru 2021 għas-somma ta' erbat elef mitejn u ħamsin Ewro **(€4,250)**, dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument C**;
   iii. Fattura numru 311021 datata 31 t'Ottubru 2021 għas-somma ta' elfejn mitejn u erbatax-il Ewro **(€2,214)**, dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument D**;
   iv. Fattura numru 1021 datata 31 t' Ottubru 2021 għas-somma ta' elfejn mitejn u ħames Ewro (**€2,205**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument E**;
   v. Fattura numru 011121 datata 1 ta' Novembru 2021 għas-somma ta' elfejn mija tlieta u erbgħin Ewro (**€2,143**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument F**;
   vi. Fattura numru 1121 datata 30 ta' Novembru 2021 għas-somma ta' elf disa' mija u ħamsin Ewro (**€1,950)**, dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument G**;
   vii. Fattura numru 311221 datata 31 ta' Deċembru 2021 għas-somma ta' elfejn mitejn u erbatax-il Ewro (**€2,214)**, dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument H**;

viii. Fattura numru 1221 datata 31 ta’ Diċembru 2021 għas-somma ta’ elfejn mitejn u ħames Ewro (**€2,205**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument I**;

ix. Fattura numru 31122 datata 31 ta’ Jannar 2022 għas-somma ta’ elfejn u erba’ mitt Ewro (**€2,400**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument J**;

x. Fattura numru 310122 datata 31 ta’ Jannar 2022 għas-somma ta’ elfejn mitejn u erbatax-il Ewro (**€2,214**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument K**;

xi. Fattura numru 280222 datata 28 ta’ Frar 2022 għas-somma ta’ elfejn Ewro (**€ 2,000**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument L**;

xii. Fattura numru 28222 datata 28 ta’ Frar 2022 għas-somma ta’ elfejn mija u ħamsa u ħamsin Ewro (**€ 2,155)** dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument M**;

xiii. Fattura numru 300322 datata 30 ta’ Marzu 2022 għas-somma ta’ elfejn mitejn u erbatax-il Ewro (**€2,214**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument N**;

xiv. Fattura numru 31322 datata 31 ta’ Marzu 2022 għas-somma ta’ elfejn mija u ħamsa u ħamsin Ewro (**€2,155**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument O**;

xv. Fattura numru 30422 datata 30 t’April 2022 għas-somma ta’ elfejn ħames mija ħamsa u erbgħin Ewro (**€2,545**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument P**;

xvi. Fattura numru 300422 datata 30 t’April 2022 għas-somma ta’ elfejn mija u tlieta u erbgħin Ewro (**€ 2,143**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument Q**;

xvii. Fattura numru 310522 datata 31 ta’ Mejju 2022, għas-somma ta’ elfejn mitejn u erbatax-il Ewro (**€2,214**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument R**;

xviii. Fattura numru 31522 datata 31 ta’ Mejju 2022 għas-somma ta’ tlett elef mija u ħamsin Ewro (**€3,150**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument S**;

xix. Fattura numru 300622 datata 30 ta’ Gunju 2022, għas-somma ta’ elfejn mija u tlieta u erbgħin Ewro (**€2,143**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument T**;

xx. Fattura numru 30622 datata 30 ta’ Gunju 2022 għas-somma ta’ elfejn ħames mija u għoxrin Ewro (**€ 2,520**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument U**;

xxi. Fattura numru 310722 datata 31 ta’ Lulju 2022, għas-somma ta’ elfejn mitejn u erbatax-il Ewro (**€2,214**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument V**;

xxii. Fattura numru 31722 datata 31 ta’ Lulju 2022 għas-somma ta’ elfejn u erba’ mitt Ewro (**€ 2,400**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija mmarkata bħala **Dokument W**;

xxiii. Fattura numru 12822 datata 12 t’ Awwissu 2022, għas-somma ta’ sitt mitt Ewro (**€600**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija mmarkata bħala **Dokument X**;

xxiv. Fattura numru 120822 datata 15 t’Awwissu 2022 għas-somma ta’ sitt mitt Ewro (**€600**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument Y**;

xxv. Fattura numru 310822 datata 31 t’Awwissu 2022, għas-somma ta’ elfejn mitejn u erbatax-il Ewro (**€2,214**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument Z**;

xxvi. Fattura numru 31822 datata 31 t’Awwissu 2022 għas-somma ta’ elf mija u ħmistax-il Ewro (**€1,115**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument AA**;

xxvii. Fattura numru 300922 datata 30 ta’ Settembru 2022, għas-somma ta’ elfejn mija tlieta u erbgħin Ewro (**€2,143**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument BB**;

xxviii. Fattura numru 30922 datata 30 ta’ Settembru 2022 għas-somma ta’ tlett elef mitejn ħamsa u disgħin Ewro (**€ 3,295**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument CC**;

xxix. Fattura numru 301022 datata 30 t’Ottubru 2022, għas-somma ta’ elf mitejn ħamsa u tmenin Ewro (**€1,285**), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument DD**;

xxx. Fattura numru 311022, datata 31 t'Ottubru 2022, għas-somma ta' elfejn mitejn u erbatax-il Ewro (€2,214), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument EE**;

xxxi. Fattura numru 291122, datata 29 ta' Novembru 2022, għas-somma ta' tlett elef erba' mija ħamsa u sittin Ewro (€3,465), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument FF**;

xxxii. Fattura numru 301122, datata 30 ta' Novembru 2022, għas-somma ta' elfejn mija u tlieta u erbgħin Ewro (€2,143), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument GG**;

xxxiii. Fattura numru 301222, datata 30 ta' Diċembru 2022, għas-somma ta' elf erba' mija ħamsa u ħamsin Ewro (€1,455), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument HH**; u

xxxiv. Fattura numru 311222, datata 31 ta' Diċembru 2022, għas-somma ta' elfejn mitejn u erbatax-il Ewro (€2,214), dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura mmarkata bħala **Dokument II**;

c. Illi għalhekk s-somma globali dovuta mill-bastiment konvenut lis-soċjeta' rikorrenti tammonta għas-somma ta' erbgħa u sebgħin elf ħames mija erbgħa u tletin Ewro **(€74,534)**;

d. Illi l-imsemmi ammont ta' erbgħa u sebgħin elf ħames mija erbgħa u tletin Ewro **(€74,534)** huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwixxix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt u għalhekk fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12, tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tiġi deċiza bid-dispensa tas-smigħ, billi fil-fehma tal-istess soċjeta' rikorrenti, il-bastiment konvenut m'għandux eċċeżżjoni xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont;

e. Illi għalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa' ma tħallasx mill-bastiment konvenut u għalhekk kellha issir din il-kawża;

f. Illi fl-umli fehma tas-soċjeta' rikorrenti, il-bastiment konvenut m'għandux eċċezzjonijiet validi x'jagħti għat-talbiet tas-soċjeta rikorrenti;

g. Illi r-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, Joseph Anthony O'Connor, kien jaf b'dawn il-fatti personalment;

3. Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

   i. Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

   ii. Tiddikjara l-bastiment konvenut debitur tas-soċjeta' rikorrenti għas-somma ta' erbgħa u sebgħin elf ħames mija erbgħa u tletin Ewro (€74,534) rappreżentanti servizzi marittimi reżi mis-soċjeta' rikorrenti;

   iii. Tikkundanna lill-bastiment konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' erbgħa u sebgħin elf ħames mija erbgħa u tletin Ewro (€74,534) għar-raġunijiet kif fuq dettaljati;

   Bl-ispejjez u l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) mid-data ta' kull fattura sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-bastiment konvenut.

**Il-Qorti**

4. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' rikorrenti Malta Towage Limited datat sitta (6) ta' Frar 2023;

5. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors, u cioe r-rendikont tal-fatturi kollha maħruġin mis-soċjeta' rikorrenti fil-konfront tal-bastiment intimat (**Dok A** a fol 9 tal-proċess) u l-fatturi kollha maħruġin għal servizzi marittimi reżi mis-soċjeta' rikorrenti lill-bastiment intimat (**Dok B sa II**, a fol 10 *et seq* tal-proċess);

6. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tad-disgħa (9) ta' Frar 2023 illi permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-seduta tat-Tlieta, tmienja u għoxrin (28) ta'

Frar 2023, b'ordni lill-bastiment konvenut sabiex jidher f'dik il-ġurnata u jwieġeb għat-talba tas-soċjeta' attriċi, u, fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi;

7. Rat illi l-bastiment intimat ġie notifikat bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ nhar il-ħmistax (15) ta' Frar 2023;

8. Rat il-verbal tas-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2023, fejn ġie dikjarat illi minkejja illi l-bastiment intimat kien ġie debitament notifikat bir-rikors u l-avviż tas-smigħ, l-istess bastiment baqa' ma deherx. Madanakollu, peress illi t-terminu kontemplat mil-liġi fl-artikolu 169 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kien għadu għaddej, il-kawża ġiet differita għad-disgħa (9) ta' Marzu 2023;

9. Rat illi l-bastiment intimat lanqas deher fid-disgħa (9) ta' Marzu 2023;

10. Rat in-nota ppreżentata mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Marzu 2023, u cioe kopja tal-Memorandum of Understanding iffirmat bejn *inter alia* r-rikorrenti u l-aġent tal-bastiment konvenut, fejn l-aġent tal-bastiment konvenut irrikonoxxa d-dejn reklamat mis-soċjeta' rikorrenti kontra l-bastiment fil-kawża *de quo* (a fol 50 *et seq* tal-proċess);

11. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum sabiex tingħata sentenza;

12. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

13. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda l-**ewwel talba** tas-soċjeta' attriċi, il-Qorti tinnota illi l-kawża ma ġietx deċiża b'mod definittiv waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2023 għaliex kienu għaddew biss tlettax-il jum min-notifika tal-bastiment intimat bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ. L-Artikolu 169 tal-Kap 12 jistipula illi f'kawża intavolata fit-termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-konvenut, *"għandu jiġi mħarrek biex jidher **mhux aktar kmieni minn ħmistax-il jum** u mhux aktar tard minn tletin jum min-notifika"* (emfasi miżjuda minn din il-Qorti).

Għaldaqstant, il-kawża ma setgħetx tiġi differita sabiex tingħata sentenza waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2023. Sussegwentement, waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Marzu 2023, il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum sabiex tingħata s-sentenza[1]. Fid-dawl tal-premess, il-Qorti **<u>sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi</u>**, stante illi tali talba ġiet evidentement sorvolata;

14. F'dak illi jirrigwarda **t-tieni u t-tielet talba** tas-soċjeta' rikorrenti, il-Qorti tinnota illi:

    a. Jirriżulta mir-rendikont anness mar-rikors ġuramentat bħala **Dok A** (a fol 9 tal-proċess) illi s-soċjeta' attriċi rrendiet servizzi marittimi lill-Bastiment intimat illi għalihom huwa dovut l-ammont globali ta' **€74,534**;

    b. L-istess ammont jirriżulta wkoll mit-total tal-fatturi annessi mar-rikors promotur u mmarkati bħala **Dok B sa Dok II** (a fol 10 *et seq* tal-proċess);

    c. Jirriżulta mill-*Memorandum of Understanding* esebit mis-soċjeta' rikorrenti a fol 50 *et seq* tal-proċess illi l-aġent tal-bastiment konvenut kien qiegħed jirrikonoxxi illi, *"it is the true, certain and liquid debtor of the Buyer in the amount of sixty seven thousand one hundred and seventy seven Euro (€67,177) representing fees and disbursements charged and incurred by the Buyer in its capacity as agent of the Vessel up until 31st October 2022"* (klawsola 2.2 tal-istess dokument);

    d. Illi l-bastiment konvenut baqa' kontumaċi, u allura, fit-termini tal-Artikolu 170 tal-Kap 12, din il-Qorti tista' tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet rikorrenti, b'dana illi tiddikjara lill-bastiment konvenut debitur fil-konfront tas-soċjeta' attriċi saħansitra anke għall-bilanċ ta' sebat elef, tliet mija u sebgħa u ħamsin Ewro (€7,357) oltre s-somma ta' €67,177 indikata fil-*Memorandum of Understanding*, b'dana illi l-bastiment

[1] Vide verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu 2023 a fol 48 tal-proċess.

intimat ser jiġi dikjarat debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont globali ta' **€74,534** kif indikat fir-rikors ġuramentat;

15. **Għaldaqstant <u>it-tieni talba dedotta fir-rikors ġuramentat tirriżulta pruvata</u> u sejra tintlaqa';**

16. **Konsegwentement <u>sejra tintlaqa' wkoll it-tielet talba</u> tas-soċjeta' rikorrenti;**

17. F'dak illi jirrigwarda t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
>
> *(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

18. Ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta, *"kull operazzjoni dwar bastimenti u navigazzjoni"* (fit-test bl-Ingliż, *"any transaction relating to vessels and navigation"*) għandha titqies bħala att ta' kummerċ, b'dana illi, konsegwentement, id-dejn fil-każ odjern jinkwadra ruħu taħt is-sub-inċiż 1 tal-Artikolu 1141 tal-Kap 16 suċitat;

19. Il-Qorti tqis illi d-data minn meta kellha tiġi esegwita l-obbligazzjoni illi għaliha daħal il-bastiment konvenut, u cioe id-data minn meta sar dovut il-ħlas għas-servizzi reżi mis-soċjeta' rikorrenti, hija d-data ta' kull *invoice* relattiva. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tikkonsidra d-data ta' kull *invoice* relattiva bħala d-data minn meta għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet

legali għal kull ammont dovut. Tali imgħaxijiet għandhom ikomplu hekk jiddekorru sad-data tal-effettiv pagament.

**Decide**

20. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba;

(ii) **Tilqa'** t-tieni talba tas-soċjeta' attriċi u tiddikjara illi l-bastiment intimat 'M.V. Amazing Grace 2' huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' **erbgħa u sebgħin elf, ħames mija u erbgħa u tletin Ewro (€74,534)** rappreżentanti servizzi marittimi reżi mis-soċjeta' rikorrenti;

(iii) **Tordna** lill-bastiment intimat 'M.V. Amazing Grace 2' iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' **erbgħa u sebgħin elf, ħames mija u erbgħa u tletin Ewro (€74,534)**, bl-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data ta' kull fattura relattiva esebita fil-proċeduri odjerni, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż a karigu tal-bastiment intimat 'M.V. Amazing Grace 2'.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**